# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru 654/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Ballut Blocks Services Limited**
**(C 8360)**

**Vs**

**Favellato Malta Ltd**
**(C-88267)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 22 ta' Lulju 2022, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti, bil-ġurament tar-rappreżentant tagħha Dr Mark Ellis, talbet s-segwenti:

    1. *Illi s-soċjetà attriċi hija kreditrici tas-soċjeta' konvenuta fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf, tmien mija, ħamsa u sittin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€35,865.97) valur ta' materjal tal-bini, u aktar speċifikament, ta' bricks u konkos mibjugħ u kkonsenjat bl-ingrossa mis-soċjeta' attriċi fuq il-kont kurrenti tas-soċjeta' konvenuta stess, rappreżentanti wkoll kumpens dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjetà attriċi għas-servizzi provduti lilha permezz ta' concrete pumps u crane, liema servizzi huma lkoll marbuta mal-istess kont kurrenti li s-soċjeta' konvenuta għandha mas-soċjetà attriċi, u dana kif jirriżulta mill-istatement hawn anness u mmarkat bħala (Dok. 'BBS 1').*

2. *Illi għalkemm is-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata ripetutament sabiex tħallas l-imsemmi ammont, hija baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx.*

3. *Illi għalhekk is-socjetà attriċi kellha tipproċedi b'din il-kawża sabiex titħallas dak dovut lilha.*

4. *Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment lill-esponenti.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, is-soċjetà attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf, tmien mija, ħamsa u sittin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€35,865.97) valur ta' materjal tal-bini, u aktar speċifikament, ta' bricks u konkos mibjugħ u kkonsenjat bl-ingrossa mis-soċjeta' attriċi fuq il-kont kurrenti tas-soċjeta' konvenuta stess, rappreżentanti wkoll kumpens dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjetà attriċi għas-servizzi provduti lilha permezz ta' concrete pumps u crane, liema servizzi huma lkoll marbuta mal-istess kont kurrenti li s-soċjeta' konvenuta għandha mas-soċjetà attriċi, u dana kif jirriżulta mill-istatement hawn anness u mmarkat bħala (Dok. 'BBS l').*

2. *Konsegwentament, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' ħamsa u tletin elf, tmien mija ħamsa u sittin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€35,865.97).*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk relattivi għall-mandat ta' sekwestru preżentat, oltre l-imgħax legali b'effett mill-31 ta' Lulju 2021 kontra s-soċjeta' konvenuta li hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni tagħha.*

2. Rat illi fit-2 ta' Awissu 2022 il-kawża ġiet appuntata għas-17 ta' Novembru 2022 fid-9.00 am.

3. Rat illi fit-12 ta' Ottubru 2022, is-soċjeta' intimata ġiet debitament notifikata.

4. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata fis-26 ta' Ottubru 2022 mis-soċjeta' rikorrenti.

5. Rat illi fis-17 ta' Novembru 2022, dehret is-soċjeta' rikorrenti rappreżentata minn Dr Mark Ellis u Paul Vella filwaqt illi s-soċjeta' intimata, imsejjħa diversi drabi, ma dehritx.

6. Semgħet lil **Paul Vella**, bil-ġurament, jikkonferma illi l-ammont mitlub għadu dovut.

7. Rat illi fis-17 ta' Novembru 2022, abbażi tal-Artikolu 158 (10), il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet tal-kontumaċi sabiex wara tingħata s-sentenza.

8. Rat illi llum, 24 ta' Novembru 2022, imsejħa diversi drabi, s-soċjeta' intimata ma dehritx u ma daħlet ebda sottomissjoni bil-miktub tagħha.

9. Rat illi s-soċjeta' rikorrenti dikjarat illi ma kellha ebda sottomissjonijiet x'tagħmel u l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

10. Rat illi l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

11. Rat illi meta reġgħet issejħet il-kawża, s-soċjeta' intimata, debitament imsejħa, ma dehritx.

12. Rat illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddikjara** illi s-soċjeta' intimata Favellato Malta Ltd ma onoratx il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekadiet mill-benefiċċju taż-żmien;

**Tiddikjara** u tiddeċiedi illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf, tmien mija, ħamsa u sittin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€35,865.97) valur ta' materjal tal-bini, u aktar speċifikament, ta' bricks u konkos mibjugħ u kkonsenjat bl-ingrossa mis-socjeta attriċi fuq il-kont kurrenti tas-socjeta konvenuta stess, rappreżentanti wkoll kumpens dovut mis-soċjeta konvenuta lis-soċjetà attrici għas-servizzi provduti lilha permezz ta' concrete pumps u crane, liema servizzi huma lkoll marbuta mal-istess kont kurrenti li s-soċjeta konvenuta għandha mas-soċjetà attriċi.

**Tikkundanna** lis-soċjeta' konvenuta Favellato Malta Ltd, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi Ballut Blocks Services Limited l-ammont ta' **ħamsa u tletin elf, tmien mija, ħamsa u sittin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€35,865.97)**.

L-ispejjeż, inklużi dawk relattivi għall-mandat ta' sekwestru preżentat, oltre l-imgħax legali b'effett mill-31 ta' Lulju 2021, huma lkoll a kariku tas-soċjeta konvenuta.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**